MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 604/2002

**Avviz numru 604/02DM**

**Allied Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Bonavia Stores Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ elf, tmien mija erba’ u sebghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1874.10) dovuta minnhom rappresentanti hlas fuq poloz ta’ assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghhom.

Is-socjeta konvenuta, nonostante debitament interpellata thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-dati tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament bil-konvenuti msejjhin ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu xi rapprezentant biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta konfermata u gustifikata.

Il-Qorti ghalhekk qeghdha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, tmien mija u erba u sebghin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm1874.10) fl-avviz bl-imghax legali b'effett mill-11 t' Ottubru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------